# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 46**

**Avviz numru 311/02/SM**

**Accent Clear Traders Company Limited**

**vs**

**AZ Ink Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn seba' u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (LM2297.70,0), rapprezentanti l-prezz ta' reklamar ordnat mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcu tieghu;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-15 t'April 2002 u tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta'**

**Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 28 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz taghha rriduciet is-sorte ghas-somma ta' elf mija u tlettax-il lira Maltin (LM1,113.00,0) stante pagament fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-28 ta' Gunju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**